**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 26 ta' Ottubru, 2015**

**Rikors nru: 8/2010 MLF**

**Raymond Auto Dealer Ltd.**

**Vs**

**Shawn Higgins**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' €4208.07 rapprezentanti bilanc ta' debitu akbar naxxenti mill-bejgh tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BER279.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A tas-7 ta' Awwissu, 2009 u bl-interessi b'effett mit-8 ta' Lulju, 2009 kontra l-intimat.

Rat ir-risposta ta' Shawn Higgins fejn espona:

1. Preliminarjament illi l-avviz li gie notifikat lill-intimat huwa null stante li ma hemmx indikat f'liema Qorti ghandha ssir din il-kawza ossija fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u ghalhekk ghandha ssir il-korrezzjoni skond il-ligi.

2. Subordinatament li huwa m'ghandu jaghti ebda ammont lir-rikorrenti stante li kwalunkwe ammont li seta' kien talvolta dovut, gja gie debitatament saldat.
3. Salvi eccezzjonijiet skond il-ligi.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li m'humiex kontestati bejn il-partijiet huma s-segwenti

1. Is-socjeta' attrici bieghet il-vettura tal-marka Seat Cordoba b'numru ta' registrazzjoni BER 279 lill-konvenut fil-25 ta' Gunju 2007 bi ftehim ta' hire-purchase ghal prezz ta' LM 4000.[1]
2. Il-konvenut ghamel hmistax-il pagament bl-ahhar pagament kien fil-11 ta' Settembru 2008.[2]
3. Minhabba problemi finanzjarji, il-konvenut ma setghax ikompli jhallas il-kambjali mensili mifthema.[3]
4. Is-socjeta attrici harget mandat ta' qbid kawtelatorju fuq il-vettura.
5. Pero, sussegwentement il-kontendenti ffirmaw skrittura privata[4] datata 5 ta' Frar 2009 fejn qablu li l-konvenut kien fadallu ihallas bilanc ta' €6187.00 fuq il-vettura, liema ammont kien jinkludi l-imghax u spejjez legali u ftehmu s-segwenti:

*"... ... Jiena Raymond Zammit qieghed naccetta illi naghmel l-imsemmija karozza ghal perijodu ta' xahrejn gewwa x-xowrum tieghi sabiex l-karozza tkun tista' tinbiegh u b'kekk jithallas il-bilanc li hemm fuqha.*

[1] Ara l-ftehim ta' hire purchase a fol. 55-57 tal-process.
[2] Ara l-Customer Statement a fol. 33 tal-process.
[3] Ara x-xhieda ta' Shawn Higgins a fol. 27 tal-process.
[4] Ara l-iskrittura private mmarkata bhala Dok RAD 1 a fol. 53 tal-process.

1. *F'kaz li tinbiegh ghal valur akbar minn dak li ghad hemm pendenti, il-bqija johodha d-debitur, imma f'kaz li tinbiegh ghal valur izghar minn dak pendenti, id-debitur huwa obligat li jhallas kull bilanc pendenti.*
2. *Dan il-bilanc jista' jithallas bl-ammont ta' €120 fix-xahar li jibdew minn xahar wara li tinbiegh l-istess msemmija karozza. Il-kundizzjonijiet tal-kuntratt originali jibqaw japplikaw.*
3. *F'kaz li l-imsemmija karozza ma tinbieghx wara l-perijodu ta' xahrejn, jiena Raymond Zammit qieghed nintrabat li nixtri u Shawn Higgins qieghed jintrabat li jbiegh l-imsemmija karozza ghal valur ta' €2300, li jinqatghu mill-bilanc pendenti, fil-kundizzjoni li tinsab illum, u b'hekk il-bilanc li jkun ghad baqa jrid jithallas hekk kif spjegat fil-klawsola numru 2."*

5. Fit-30 ta' Marzu 2009, il-kontendenti geddew din l-iskrittura sal-5 ta' Mejju 2009.[5]
6. Il-vettura baqghet ma nbieghetx lil terzi persuni u u ghalhekk nxtrat lura mis-socjeta' attrici ghal prezz ta' €2300, kif miftiehem fit-8 ta' Lulju 2009, liema ammont inqata' mill-ammont dovut.[6]
7. Skond il-*Customer Statement* ezebit mis-socjeta attrici, il-konvenut ghad fadallu jaghti bilanc lis-socjeta attrici ta' €4208.07.[7]
8. Fit-30 ta' Lulju 2009, is-socjeta attrici bieghet il-vettura lil terzi.[8]

**Kunsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

Fl-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u cioe illi *"... ... l-avviz li gie notifikat lill-intimat huwa null stante li ma hemmx indikat f'liema Qorti ghandha ssir din il-kawza ossija fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u ghalhekk ghandha ssir il-korrezzjoni skond il-ligi"* giet sorvolata billi fis-seduta tas-26 ta' April 2010, din il-Qorti laqghet it-talba tas-socjeta attrici li l-avviz jigi korrett billi jinqatghu barra l-kliem 'Qorti tal-Magistrati Ghawdex'. Ghaldaqstant, din il-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

---

[5] Ara l-proroga mmarkata bhala RAD 2 a fol. 54 tal-process.
[6] Ara l-Customer Statement a fol. 33 tal-process.
[7] Ara l-Customer Statement a fol. 33 tal-process.
[8] Ara dokument ezebit mir-rapprezentant ta' Transport Malta a fol. 46 tal-process.

Fit-tieni eccezzjoni tieghu, il-konvenut eccepixxa illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici mhux dovut la darba l-ammont gja gie debitament saldat. Pero mill-provi prodotti, kif fuq elenkati, jirrizulta proprju l-kuntrarju, u cioe li l-ammont pretiz mis-socjeta attrici huwa dovut.

Pero fis-sottomissjonijiet orali tieghu, l-abbli difensur tal-konvenut issolleva l-eccezzjoni ta' l-arrikiment ingust, ghaliex ladarba is-socjeta attrici bieghet il-vettura lil terzi, il-valur ta' dak il-bejgh irid jitnaqqas mill-valur mitlub.[9] Illi l-Qrati Maltin ippronunzjaw ruhhom diversi drabi fuq eccezzjonijiet li jitqajjmu fi stadju ulterjuri tal-kawza. Fis-sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)[10] fl-ismijiet **Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited** fis-7 ta' Dicembru 2005, gie ritenut is-segwenti:

*"B' introduzzjoni ghall-ezami u decizjoni ta' l-ewwel aggravju jigi qabel xejn notat illi skond kif provvdut fl-Artikolu 728 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 731, "l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota ta' l-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Dawk l-eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu ghandhom jinghataw bla hsara ta' dawn l-eccezzjonijiet dilatorji." Jissokta jinghad fis-subinciz (2) tal-precitat Artikolu 728 illi "ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f'waqt iehor tal-kawza". L-unika deroga hi dik fejn il-Qorti tkun sodisfatta li jezistu ragunijiet ohra fin-nota jew fir-risposta;*

*L-imsemmija provvedimenti tal-ligi gew approfonditi sew fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell in re "**John Mary Vella et -vs- Winston Azzopardi nomine**", 6 ta' Ottubru 1999, ghal liema konsiderazzjonijiet fiha kontenuti qed issir pjena referenza. Brevement, minnhom jitnissel illi n-nota ta' l-eccezzjonijiet, oltre li kellha ssir fil-forma preskritta mil-ligi u bil-partikolaritajiet dettati mill-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12, kellha tassattivament issegwi r-regola normativa kontenuta fl-Artikolu 728 (1). Li jfisser li min ikun imsejjah f'gudizzju u jrid jikkontesta t-talba ghandu fiz-zmien utli stabbilit jipprezenta nota li fiha jkunu migbura l-eccezzjonijiet tieghu "kollha", sew dilatorji, sew dwar il-meritu;*

*Kif saput, il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi jippreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita."*

[9] Ara s-sottomissjonijiet tal-konvenut a fol. 66 tal-process.
[10] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

Fis-sentenza in parte fl-ismijiet **Sunspot Tours Limited vs C.H. Caterers Limited** deciza fis-16 ta' Dicembru 2003, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) irriteniet hekk:

*"L-Artikolu 728 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li l-eccezzjonijiet kollha sew dilatorji kemm dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew fir-risposta, b'dana li l-Qorti tista`, meta tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi tippermetti li jinghataw aktar eccezzjonijiet meta ssir talba b'rikors. Dawn il-provvedimenti ma japplikawx ghall-eccezzjonijiet ta' natura perentorja li, skond l-Artikolu 732 jistghu jinghataw ukoll fil-qorti fi grad ta' appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-qorti ta' l-ewwel grad."*

L-eccezzjoni ta' l-arrikiment ingust ma hijiex eccezzjoni perentorja, ghaliex m'ghandhiex l-effett li twaqqaf dawn il-proceduri, imma hija sempliciment eccezzjoni dwar il-meritu. Il-konvenut ma ta l-ebda raguni – wisq inqas wahda valida – ghaliex ma ssollevax din l-eccezzjoni fir-risposta tieghu. Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax taccetta li tigi sollevata din l-eccezzjoni fl-istadju tas-sottomissjonijiet orali finali tal-avukati difensuri.

Il-Qorti tista tieqaf hawn fuq din l-eccezzjoni tal-arrikiment ingust, ladarba din mhix ammissibbli fl-istadju li inghatat. Pero il-Qorti tirrileva li, anki li kieku ammettiet din l-eccezzjoni, fi kwalunkwe kaz, kienet se tikkonkludi li din l-eccezzjoni hija wahda infondata u dan ghal zewg ragunijiet:

1. Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova sabiex jigi stabbilit l-prezz li bih is-socjeta attrici bieghet il-vettura lil terzi.
2. Fi kwalunkwe kaz, skond il-ftehim bejn il-kontendenti tal-5 ta' Frar 2009 kif imgedded bil-ftehim tat-30 ta' Marzu 2009, huwa car li l-partijiet ftehmu li:
   (i) il-kwistjoni dwar jekk il-prezz li biegh is-socjeta attrici tbiegh il-vettura lil terzi ikunx iktar jew inqas mill-ammont dovut, u t-tpacija li kellha issir, kienet relevanti biss kieku s-socjeta attrici bieghet il-vettura lil terzi sal-5 ta' Mejju 2009 – haga li ma sehhitx;
   (ii) ladarba il-vettura ma nbieghtx lil terzi sal-5 ta' Mejju 2009, il-partijiet ftiehmu li s-socjeta attrici kellha tixtri l-vettura hi bil-prezz ta' €2,300.00, u tnaqqas dan il-prezz, mill-ammont dovut mill-konvunut, kif fil-fatt ghamlet.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erbat elef, mitejn u tmien Euro u seba' centezmi (€4208.07), bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali taht l-Artikolu 166A tas-7 ta' Awwissu, 2009 u bl-interessi b'effett mit-8 ta' Lulju, 2009 kontra l-konvenut.

**(ft) Maġistrat**
**Vera kopja**

**Deputat Reġistratur**